

Brussell, 11 ta' Frar 2019  
(OR. en)

5111/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2016/0156(NLE)**

---

**AVIATION 2**  
**RELEX 4**  
**ASIE 2**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10119/16
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

---

1. F'Ġunju 2003, il-Kummissjoni ngħatat mandat skont liema l-Kummissjoni tista' tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Filippini bil-ħsieb li ġġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar l-avjazzjoni tal-Istati Membri mar-Repubblika tal-Filippini f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tan-negozjati msemmija.
2. Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, u dwar il-konklużjoni, rispettivament (dokumenti 10118/16 u 10119/16).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, ġiet adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2016. Il-Ftehim ġie ffirmat fid-29 ta' Novembru 2018, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-18 ta' Diċembru 2018<sup>1</sup>.
5. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 15056/18 tal-ġuristi lingwisti kif ukoll it-test tal-Ftehim<sup>2</sup> lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

---

<sup>1</sup> ĠU L 322, 18.12.2018, p. 1–11.

<sup>2</sup> 11261/16.